22 ta' Frar 1965

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Frances Tonna, xebba

*versus*

Marianna Borg, pubblika merkantessa

**Tibdil tal-kondizzjoni finanzjarja tad-debitur — Dekadenza mill-benefiċċju tat-terminu — Art. 1122 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Meta it-tibdil tal-kondizzjoni finanzjarja tad-debitur iqiegħed fil-perikolu l-ħlas tal-kreditu, il-kreditur jista' jitlob lill-Qorti li d-debitur jiġi dikjarat li iddekada mill-benefiċċju tat-terminu lilu konċess qabel.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi wara li ppre-

mettiet illi b'skrittura tal-erbgħatax (14) ta' Ottubru, 1963 (Dok A hemm anness) hija welliet lill-konvenuta l-ħanut 143, Old Bakery Street, Valletta, bl-imwejjed, bank, siġġijiet u avvjament tal-istess ħanut bil-prezz miftiehem u konvenut ta' mitejn lira (£200) li l-konvenuta obbligat ruħha li tħallas għoxrin lira (£20) fuq l-iskrittura u l-bilanċ b'rati mensili egwali u konsekuttivi ta' għaxar liri l-waħda mit-tletin (30) ta' Novembru, 1963 u illi l-konvenuta ħallset biss is-somma ta' *disgħin lira (£90) oltre l-għoxrin lira (£20) ġa msemmija* u ċioè r-rati li skadew fit-tletin (30) ta' Jannar, Frar, Marzu, April, Mejju, Ġunju, Lulju, 1964 u ma ħallsitx iżjed u qed tirrifjuta li tħallas ir-rati li baqa' tant illi l-attriċi hija ċerta illi l-istat tal-konvenuta tant tbiddel li jqiegħed *fil-perikolu* l-ħlas tal-kreditu kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, illi għalhekk il-konvenuta ddekadiet mill-benefiċċju tat-terminu, talbet li — premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, u previja okkorrendo d-dikjarazzjoni illi l-kondizzjoni tal-konvenuta *tant tbiddlet li l-ħlas* tal-kreditu qiegħed fil-periklu — jiġi dikjarat u deċiż li l-konvenuta ddekadiet mill-benefiċċju tat-terminu għar-raġunijiet fuq premessi u per konsegwenza tiġi kkundannata tħallasha s-somma ta' sebgħin lira (£70) bilanċ tà' prezz ta' twellija tal-ħanut 143, Old Bakery Street, Valletta, kif fuq intqal u għar-raġunijiet imsemmija. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' impediment tas-safar tat-tmienja (8) ta' Ottubru, 1964.

OMISSIS:

Illi l-attriċi qegħda titlob li l-konvenuta tiġi *dikjarata de*kaduta mill-benefiċċju tat-terminu li kienet akkordatilha meta ċeditilha l-ħanut imsemmi fiċ-ċitazzjoni, u li tiġi kundannata tħallasha l-bilanċ kollu dovut.

OMISSIS:

gun ta' meta għamlet l-iskrittura mal-attriċi, kif juri l-fatt tal-ġarr ta' *oġġetti għand ħbieb billi dan ifisser li d-debitur ikun* qiegħed tant ħażin li jħoss li jwarrab xi ħaġa għalih stess a preferenza tal-kredituri;

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tiddikjara lill-konvenuta dekaduta mill-benefiċċju tat-terminu *lilha* konċess bl-iskrittura tal-erbatax (14) ta' Ottubru 1963 u tikkundannaha tħallas lill-attriċi s-somma *ta'* sebgħin *lira (£70) kif* min *dina mitlub fiċ-ċitaz*-zjoni. L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuta.